KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

4 ta' Jannar 2009

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tmienja u Tletin (38) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tmienja u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2009 fis-5.45pm.**

Is-Sebgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna
6. Assenjazzjoni ta' Karigi lill-Kunsillier Vincent Borg
7. Xandiriet fuq 96.1 Vilhena FM
8. Petizzjoni dwar iż-żamma ta' Triq Sant'Anna
9. Id-Dawl ta' mal-art ta' quddiem Dar il-Kunsill Lokali
10. Attivita' fi Pjazza San Publju fiż-żmien it-Tazza tad-Dinja 2010
11. Piċċ Sintetiku fiċ-Centru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V
12. Għażla tal-Offerti : -
    KLF/T/08/09 - Provvista u Twahhil ta' Display bid-dawl tat-triq
    KLF/Q/21/09 - Provvista u delivery ta' Għamara tal-Uffiċċju
    KLF/Q/22/09 - Stampar ta' Floriana Heritage Trail Brochure
    KLF/Q/23/09 - Provvista u delivery ta' reċipjenti għall-fdalijiet taż-żwiemel u reċipjenti għal siringi użati
13. Bankina ta' Triq San Franġisk
14 Proġett ta' tisbiħ fi Vjal ir-Re Dwardu VII (Il-Biskuttin)
15. Monument tal-25 rebħ tal-kampjonat
16. Taraġ tan-niżla tal-Kurċifiss
17. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
18. Ħwejjeg Oħra
19. Aġġornament tal-laqgħa

Ghat-Tmienja u Tletin (38) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

Is-Sindku Nigel Holland ha l-opportunita' biex jifrah lill-Kunsillier Vincent Borg ghall-hatra tieghu bhala Kunsillier wara li gie elett biex jimtela l-post vakanti wara r-rizenja minn Kunsillier tas-Sur Brian Zammit.

Il-Kunsillier Vincent Borg irringrazzja lis-Sindku Nigel Holland u assigura lill-Kunsill li kien ser jaghmel hiltu kollha biex jaqdi dmirijietu mill-ahjar li jista'.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sebgha u tletin (37) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet addenda wara 2.1 li taqra hekk : "*Il-Kunsilliera Sammut Hili xtaqet tirregistra li hi ma taqbilx li s-Sur Briffa ihallas tat-tnehhija tal-affarijiet li kellu hlief ghall-annimali.*"

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja 16.0 fejn il-gurnata tal-aggornament tal-laqgha kellha taqra "*il-Hamis*" minflok "*l-Erbgha*".

1.4 Il-minuti msemmija f'1.1 bil-korrezzjonijiet indikati f'1..2 u 1.3, gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.5 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:
Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonjiet: 0

1.6 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.7 Il-minuti msemmija f'1.5 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.8 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:
Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonjiet: 0

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'telefonata li rcieva mill-istaff tas-Segretarjat Parlamentari tal-Onor. Chris Said fejn gie infurmat dwar laqgha li ser issir ma-Prim Ministru rigward ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera gew mitluba jikkonfermaw l-attendenza taghhom sa mhux aktar tard mill-11 ta' Dicembru 2009.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Sindku tal-lokalita' tal-iMsida kien talab il-

permess tal-Kunsill biex il-Parrocca tal-Imsida tkun tista' tahraq n-nar mill-Floriana (hdejn l-Osipizio) u kienu lesti joffri wkoll xi murtaletti ghall-festa ta' San Publju. Minhabba diversi ilmenti li kien hemm meta dan in-nar inharaq mill-Floriana sentejn ilu, il-Kunsill ma qabilx li ghandu jaghti l-permess tieghu li jinharaq in-nar mil-lokalita' tal-Floriana.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Supretendent Alexandra Mamo kienet infurmatu li kienu gew arrestati xi nies in konnessjoni ma' kazi ta' vandalizmu li kienu twettqu fil-Valletta Waterfront. Is-Sindku Nigel Holland wera l-apprezzament tieghu ghall-hidma tal-Pulizija u ttama li dan iservi ta' messagg ghall-vandali li kienu qed jaghmlu diversi hsarat fil-lokalita' tal-Floriana f'dawn l-ahhar xhur.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni ta' printer bil-kulur ghall-ufficcju tal-Kunsill minghand Strand Electronics li tammonta ghal €385+ VAT. Il-Kunsill approva li jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-allokazzjoni finanzjarja li l-Gvern Centrali alloka ghas-sena 2010 li tammonta ghal € 316,044.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien gie avvicinat mill-kumpanija GreenPak li lesti joffru s-servizzi taghhom lill-Kunsill, fosthom il-gbir ta' skart separat bi tliet proposti. Il-Kunsill qabel li ghandu jidhol f'dawn l-iskema li ser jkunu ta' vantagg ghall-Kunsill u qabel ukoll li ghandu jikri l-bring in sites minghand il-Wasterserv li wara hames snin ser isiru proprjeta' tal-Kunsill.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Stephen Tonna li kiteb f'isem il-Bord Organizattiv tal-*Kantata Hodon Fjuri lil San Publju* fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-accettazzjoni tieghu ghall-finanzjament tar-recording tal-imsemmija kantata.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Roy Steer fejn talab li jintbaghtulu l-kundizzjonijiet ghall-kuncert li ser jittella' fuq il-Fosos fix-xahar t'Awissu 2010. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghatlu l-imsemmija kundizzjonijiet permezz ta' email. Madanakollu, l-Kunsill qabel ma johrog il-permess ikun jehtieg jiccekkja jekk hemmx applikazzjonijiet ta' attivitajiet ohrajn fl-istess data.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Joseph Muscat, Segretarju tal-Floriana Nursery F.C. fejn ipproponu biex dan it-tournament tal-Milied jigi organizzat b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva li jorganizza din l-attivita' u li jalloka l-istess somma ta' flus li kien alloka fl-edizzjonijiet precedenti.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ittra li rcevew minghand id-Dipartiment tal-Artijiet fejn informaw lill-Kunsill b'zewg applikazzjonijiet ghall-permess ta' tpoggija ta' mwejjed u siggijiet quddiem *Lollies Snack Bar* u quddiem *St. Publius Club*. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

## 3.0 Mistoqsijiet lis sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lis-Sindku Nigel Holland jekk kienx hemm xi pjan li jsir picc sintetiku fil-kumpless sportiv tal-Arena tal-Indipendenza. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li huwa informa lill-Floriana Nursery FC li kien hemm emenda fil-ligi, fejn il-Kunsill issa seta' jidhol fi ftehim ma' ghaqda lokali biex jitjiebu l-facilitajiet sportivi izda s'issa m'hemm l-ebda pjan biex isir picc sintetiku fil-kumpless sportiv tal-Arena tal-Indipendenza. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ghandu pjan li jaghmel picc sintetiku fil-picc tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kif fil-fatt ser jiddiskuti fil-laqgha tal-Kunsill.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lis-Sindku Nigel Holland jekk il-Perit inkarigat mill-

Kunsill kienx ivverifika s-sitwazzjoni ta' *patching* f'Lascaris Wharf fejn il-Kunsill kellu informazzjoni li jridu jinbidlu xi servizzi tal-ilma qabel ma jkun jista' jsir xoghol ta' *patching*. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li ladarba mhux ser isir xoghol ta' *resurfacing* fuq it-triq kollha, m'hemmx ghalfejn jinbidlu s-servizzi tal-ilma meta jsir xoghol ta' *patching*.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **33-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8168 sa 8183.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8116 sa 8183, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna

5.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-propost tas-Sotto-Kumitat biex l-attivita' li ser isir dakinhar ta' lejliet l-Ewwel tas-Sena tispicca fis-2.00am. Il-Kunsill approva.

5.2 Il-Kunsill qabel li minhabba din hija attivita' tal-massa, ghandu jkun hemm servizz ta' ambulanza.

5.3 Il-Kunsill approva l-ispiza ta' €16500 apparti l-flus li kien ser idahhal mill-offerta' tal-esklussivita' kif ukoll mill-fondi moghtija mill-Gvern u dhul iehor minn sponsorships.

**Nota: 18:35 F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsill irrisolva ruhu f'kumitat tal-bord tal-ghazla tal-offerti sabiex jiddiskuti l-ghazla tal-offerti.**

**Nota: Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata minn dan il-Bord.**

## 6.0 Assenjazzjoni ta' Karigi lill-Kunsillier Vincent Borg

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi spjega li wara li gie elett il-Kunsillier Borg hemm bzonn li dan jkollu l-karigi tieghu minkejja li l-kunsillier ta' qablu kien irrifjuta li jkollu karigi. Is-Sindku Nigel Holland spjega li huwa jzomm il-policy li l-kunsillier jindika l-karigi li jixtieq minghajr ma jimponi huwa l-karigi lill-Kunsilliera. Huwa stieden lill-kunsillier Borg biex jelenka xi karigi li xtaq.

6.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-preferenzi tieghu fl-oqsma li jixtieq ikun responsabbli ghalihom fil-kariga tieghu ta' Kunsillier. Sar qbil bejn il-Kunsilliera biex il-karigi li gejjin jghaddu taht ir-responabbilta' tal-Kunsillier Vincent Borg:

Qasam Socjali u Familja
Gonna u Soft Areas
Xogholijiet/Infrastruttura
Gwardjani Lokali, Traffiku u Parkegg

6.3 Il-Kunsillier Vincent Borg wera wkoll ix-xewqa li jkollu c-cwievet tad-Dar tal-Kunsill bhal Kunsilliera l-ohra.

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li l-Kunsiliera laburisti kienu irrifjutaw li jkollhom ic-cavetta, li izda ladarba dawn issa xtaqu li jkollhom cavetta, is-Segretarju Ezekuttiv ser jghaddi kopja tac-cavetta tal-entratura tad-Dar tal-Kunsill u tal-kamra tal-kunsilliera lill-Kunsillier Vincent Borg u lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili.

## 7.0 Xandiriet fuq 96.1 Vilhena FM

7.1 Is-Sindku Nigel Holland propona biex il-Kunsill biex jerga' jkollu skeda ta' programmi fuq 96.1 Vilhena FM biex il-Kunsill ikun aktar vicin ir-resident, fejn ukoll kull Kunsillier/a ikollu/hom l-ispazju taghhom biex jitkellmu matul dan il-programm.

7.2 Il-Kunsill qabel fil-principju u ghandhom jigu diskussi d-dettalji iktar 'il quddiem wara li l-operaturi ta 96.1 Vilhena FM jibghatu ir-rati tal-iskeda.

## 8.0 Petizzjoni dwar iż-żamma ta' Triq Sant'Anna

8.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li wasal iz-zmien li l-Kunsill jipprezenta din il-petizzjoni lill-Ministru responsabbli minn Triq Sant'Anna, jigifieri l-Ministru Austin Gatt li huwa responsabbli tat-toroq arterjali permezz tal-Awtorita' dwar it-Trasport.

8.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-Ministru biex jghaddi din il-petizzjoni dwar l-istat generali ta' Triq Sant'Anna.

8.3 Il-Kunsill qabel ukoll li f'kaz li l-Ministru ma jikkoncediex laqgha lill-Kunsill, il-Kunsill ghandu jaghmel konferenza stampa.

8.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jgedded il-petizzjoni sa dakinhar tal-laqgha biex min ma kienx ghadu sab ic-cans li jikteb ismu, jkun jista' jaghmel dan xorta wahda.

8.5 Il-Vici Sindku Franco Davies issuggerixxa li ghandha ssir pagna fuq is-sit Facebook biex iservi kemm ta' pubblicita' ghall-din il-petizzjoni kif ukoll biex ihajjar lin-nies jiffirmawha. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 9.0 Id-Dawl ta' mal-art ta' quddiem Dar il-Kunsill Lokali

9.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jirranga d-dwal ta' mal-art li hemm quddiem id-Dar tal-Kunsill Lokali u li jintfwew malli taghmel ix-xita.

9.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjonijiet biex dawn jinbiddlu l-fanali ta' mal-art u jsiru ohrajn akbar biex idawwlu l-faccata b'mod aktar prominenti.

9.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jiehu hsieb jippubblika s-sejha tal-offerti skond il-proceduri, fejn il-perjodu ghal-sottomissjonijiet ghandu jkun il-minimu stipulat fir-regoalementi,

jigifieri ta' tmint'ijiem.

## 10.0 Attivita' fi Pjazza San Publju fiż-żmien it-Tazza tad-Dinja 2010

10.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Leon Promotions fejn talbu l-permess tal-Kunsill ghal attivita' li xtaqu jorganizzaw fuq il-fosos ta' Pjazza San Publju, intitolata *World Cup Festival*.

10.2 Il-Kunsill qabel fil-principju izda ghandu jitlob laqgha mal-organizattur biex jigi diskussi dettalji ulterjuri partikolarment iz-zona li ser tinghalaq minhabba li f'dawk il-granet ir-residenti ihobbu jikrejaw ruhhom fuq il-bankijiet li hemm fuq il-fosos.

## 11.0 Piċċ Sintetiku fic-Centru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fid-decizjoni li l-Kunsill jaghmel picc sintetiku fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Is-Sindku kompla jfakkar li l-Kunsill kien alloka is-somma ta' €25000 fl-estimi annwali 2009-10 biex isir dan il-picc.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li skond stima li l-perit ghadda lill-Kunsill din is-somma allokata ma kenitx ha tkun bizzejjed biex isir picc sintetiku professjonali u ghaldaqstant, qed jissuggerixxi biex fis-sejha tal-offerti jkun hemm il-possibilta' li l-offerent jissottomettu ghazliet differenti ta' materjal anqas professjonali li izda jaghti ambjent nadif u sigur lit-tfal. Il-Kunsill approva.

11.3 Il-Kunsillier Vincent Borg staqsa lill-Kunsill jekk hemmx xi fondi jew skemi tal-Unjoni Ewropea li jistghu jghinu finanzjarjament lill-Kunsill f'din l-inizjattiva biex ikun jista' jsir dan il-picc.

11.4 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat qal li safejn jaf hu m'hemmx programmi ghall-fondi strutturali ghal dan il-ghan. Is-Segretarju Ezekuttiv stieden lill-Kunsilliera biex jivverifikaw dwar jekk hemmx xi programm tal-Unjoni Ewropea ghal dan il-ghan. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla li min-naha tieghu ser isaqsi lill-MEUSAC.

11.5 Il-Kunsill qabel nem.com biex tinhareg sejha ghall-offerti biex isir dan il-picc sintetiku.

## 12.0 Għażla tal-Offerti : -

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill. Il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fetah il-kaxxa tal-offerti fil-prezenza tas-Sindku Nigel Holland, s-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat u l-membri Vincent Borg, Sandra Sammut Hili u Edward Torpiano.

### 12.1 KLF/T/08/09 - Provvista u Twahhil ta' Display bid-dawl tat-triq

12.1.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel l-offerta' tas-Sur Daniel Attard fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqet li tirregistra l-oggezzjoni taghha li din il-wirja tinxteghel f'nofs il-lejl f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena minhabba li fl-opinjoni taghha dan il-banner ser jaghti lill-attivita' nazzjonali laqta lokali.

### 12.2 KLF/Q/21/09 - Provvista u delivery ta' Għamara tal-Uffiċċju

12.2.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel l-kwotazzjoni tal-KREA fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 12.3 KLF/Q/22/09 - Stampar ta' Floriana Heritage Trail Brochure

12.3.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel il-kwotazzjoni ta' Sky Press fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 12.4 KLF/Q/23/09 – Provvista u delivery ta' reċipjenti għall-fdalijiet taż-żwiemel u reċipjenti għal siringi użati

12.4.1 Minhabba li ma kien hemm l-ebda offerta, il-Kunsill qabel li ghandu jerga' johrog sejha gdida ghall-offerti.

## 13.0 Bankina ta' Triq San Franġisk

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi informa lill-Kunsilll li dan il-progett jinsab temporanjament wieqaf peress li l-Kunsill kien gie mgieghel japplika ghand l-Awtorita' Maltija tal-Ippjanar u l-Ambjent peress li fil-blokk li jmiss kien ser titmiss tac-cangatura tal-qawwi u peress li fil-blokk t'isfel ser ikun hemm dilenjament gdid tal-bankina.

13.2 Is-Sindku Nigel Holland ghaldaqstant spjega li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-permess tal-MEPA biex jitkompla dan ix-xoghol.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex il-kuntrattur Dion Galea m'ghandux jiehu t-10% retention qabel ma jirranga l-ispralli li ilu pendenti. Il-Kunsill qabel.

## 14.0 Proġett ta' tisbiħ fi Vjal ir-Re Dwardu VII (Il-Biskuttin)

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill ghandu jibda' jahdem fuq dan il-progett ta' tisbih minn issa billi ghandu jressaq l-applikazzjoni tieghu lill-MEPA mill-aktar fis possibli biex il-

Kunsill ikun jista' jissottometti l-applikazzjoni tieghu meta jkun hemm xi skema dwar tisbih ta' xi pjazza.

14.2 Il-Kunsill qabel nem.con mal-proposta msemmija f'14.1 u qabel ukoll li ghandu jissottometti l-pjanti li kienu hejjew l-MTA wara li jigu approvati mill-Kunsill.

14.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies ghandu jitlob dawn il-pjanti lill-MTA biex jitressqu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma jigu sottomessi ghand il-MEPA.

## 15.0 Monument tal-25 rebħ tal-kampjonat

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fid-decizjoni li l-Kunsill jaghmel monument ta' tifkira tal-25 rebh tal-kampjonat f'gieh il-plejers Furjanizi tal-passat, tal-prezent u kif ukoll tal-futur. Is-Sindku Nigel Holland kompla li huwa kien stieden lis-Sur Publio Agius biex jaghmel disinn tal-pedestall tal-monument peress li kien hu li ghamel il-monument innifsu.

15.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, id-disinn tal-pedestal li ghaddielha is-Sur Agius.

15.3 Il-Kunsill approva dan id-disinn u qabel nem.con biex jinghataw struzzjonijiet lill-Perit tal-Kunsill biex japplika ghall-permess tal-MEPA biex isir dan il-monument.

## 16.0 Taraġ tan-niżla tal-Kurċifiss

16.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili tiftah id-diskussjoni dwar din il-materja minhabba li kienet hi li talbet li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

16.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill bis-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' indafa li hemm f'dan it-tarag fejn qed ikun hemm mhux biss skart mormi izda wkoll hmieg taz-zwiemel li qed jintrema f'din iz-zona.

16.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex din il-fetha ghandha tissaqqaf bi pjanca biex isir ilqugh u ma jibqax jintrema' skart fil-fetha ta' dan it-tarag. Il-Kunsill qabel nem.con.

16.4 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fit-tabella li kellha ssir taht il-mina biex ikun muri car li ma jistax ikun hemm karozzini taht il-mina. Il-Kunsill approva.

## 17.0 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

17.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li ghall-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat kienu applikaw biss disghat ikmamar tan-nar.

17.2 Fuq suggerimenti tas-sotto kumitat Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, is-Sindku ippropona li ghandhom jergghu jinfethu l-applikazzjonijiet ghall-kmamar tan-nar li jkunu interessati jippartecipaw f'din l-edizzjoni kif ukoll li ghandu joghla s-sussidju b' €233 ghal kull min jirbah xi kategorija biex iservi ta' incentiv ghal dawn il-kmamar. Il-Kunsill approva.

17.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jaghti incentiv fuq id-dhul mill-sms's biex dawn il-kmamar jigu mhegga jaghmlu kampanja pubblicitarja. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jaghmel evalwazzjoni ta' kemm ghandu jkun sehem il-kmamar tan-nar mid-dhul tal-sms billi jaghmel paragun mad-dhul li l-Kunsill ghamel fis-snin precedenti.

17.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li f'kaz li n-numru ta' kmamar li ser jippartecipaw jibqa' baxx, il-Kunsill ghandu jiehu hsieb jordna tapit.

17.5 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Edward Torpiano ghandu jiehu hsieb javza lis-Sur Noel Castillo biex jinforma lill-kmamar tan-nar kollha, kemm dawk li ser jippartecipaw kif ukoll dawk li m'humiex, li kien hemm zieda fl-incentivi.

## 18.0 Ħwejjeġ Oħra

18.1 Is-Sindku Nigel Holland ha l-opportunita' biex jirringrazzja lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili tal-impenn li tat fil-*MOC Sports Award* u tal-impenji kollha taghha tal-attivitajiet sportivi li organizzat u dan wara li l-Kunsill rega' kiseb it-tielet post.

18.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li ssir konferenza stampa nhar is-16 ta' Jannar 2010 li jahbat Jum il-Housing dwar l-allokazzjoni ta' appartamenti tal-progett il-gdid ta' Triq l-iljun u Triq l-Argotti. Il-Kunsill qabel nem.con li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

18.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano zied jghid li l-Ministru John Dalli kien tah konferma li l-appartamenti li nbnew godda kien ser iqassamhom hu nnifsu, ghalkemm ic-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar wera li ghad m'hemmx decizjoni dwar dawn kif ser jitqassmu.

18.4 Il-Vici Sindku Franco Davies staqsa lill-Kunsill b'liema lingwa ser tkun il-mappa tal-Floriana Heritage Trail. Il-Kunsill qabel li ghalkemm il-*legend* tkun bl-Ingliz, l-ismijiet tat-toroq ghandhom ikunu bl-ismijiet ufficjali, jigifieri bil-Malti.

18.5 Il-Vici Sindku Franco Davies irrapporta li hemm infestazzjoni ta' grieden fi Triq is-Suq. Il-Kunsill qabel li ghandu jirraporta dan il-kaz lid-Dipartiment tas-Sanita'.

18.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ipproponiet biex il-Kunsill ihallas l-ikla tar-residenti ghas-Sur Joe Cutajar u s-Sinjorina Doris Mercieca apparti tal-istaff u l-kunsilliera. Il-Kunsill approva.

18.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet dwar cangatura maqlugha li hemm fuq is-sur u li hija perikoluza. Is-Sindku informaha li l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet diga hadet hsieb tirraporta dan il-kaz.

18.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet biex issir traffic calmer bejn is-salib li hemm qabel ic-Centru tas-Sahha. Il-Kunsill approva nem.con.

## 19.0 Aġġornament tal-laqgħa

19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 7 ta' Jannar 2010 fis-17:45.

Il-laqgha ntemmet fid-20.55.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |